**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 13 TA' MEJJU, 2002**

**Avviz Nru: 673/02 AJD**

**Law Quintano & Co. Limited**

**vs**

**Bridget Sant**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Marzu, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitta u tletin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm36.80) rapprezentanti bilanc fuq il-valur ta' oggetti ta' ikel u xorb mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' attrici lill-konvenuta gewwa n-negozju minnha gestit f'Sir Ugo Mifsud Street, Luqa, liema hlas baqa' ma sarx minkejja diversi interpellazzjonijiet maghmula lill-konvenuta.
Bl-ispejjes, inkluzi sbatax il-lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm17.25) rapprezentanti l-ispejjez tal-konsult u ta' zewg ittri bonarji datati 25 ta' Gunju, 2001, u 16 ta' Awissu, 2001 rispettivament, u bl-interessi legali mid-data tal-konsenja relattiva sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Ra n-nota ta' cessjoni tas-socjeta' attrici li biha cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza izda zammet ferm il-kap tal-ispejjez u l-interssi legali.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, filwat li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu, jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ispejjez ta' din l-istanza, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**